MTARFA

**IR-RABA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 17 – IL-ĦAMIS 28 TA’ MEJJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-7.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsiller |
| | Bernard Borg | Kunsillier |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-avukat tal-Kunsill Dr. Cedric Mifsud u r-rappreżentanti tal-Mtarfa F.C. u n-Nursery li magħhom kien ser isir il-kuntratt ta’ kiri tal-*Club House*.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tas-sittax il-laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija, ma kien hemm ebda korrezzjoni xi jsiru.

## 2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera Helen Bugeja staqsiet biex tiġi iċċarata t-talba tas-Sur Paul Gatt, u jekk dan kellux dritt jitlob dokumenti tal-Kunsill, kif ukoll il-minuti tas-sittax il-laqgħa, *Schedule of Payments* u suġġetti oħra li ġew diskussi fl-istess laqgħa. L-Aġent Segretarju qal li Artiklu Numru 45 dwar l-Att tal-Kunsilli Lokali ġie ikkwotat mis-Sur Paul Gatt f’*email* li hu kien bgħat bħala bażi għat-talba tiegħu.

2.2 Il-Kunsilliera Helen Bugeja u Bernard Borg għamlu referenza għas-Sur Paul Gatt jekk setgħax kellu interess pekunarju meta hu kien qed jitlob ħlas għal servizz li hu kien ta lill-Kunsill fl-okkażjoni ta' '*Military Mtarfa*'.

Is-Sindku wieġeb li kien hemm approvazzjoni tal-Kunsill mill-bidu nett sabiex parti mill-preparamenti għal '*Military Mtarfa*' jiġu kkordinati minn Paul Gatt u dwar dan kien hemm qbil f'laqgħat preċedenti.

Is-Sindku kkwota l-kliem li ntqal minn kunsilliera preżenti waqt diskussjonijiet dwar l-attivitajiet "mexxi mexxi" il-pjanijiet li kienu qed jiġu diskussi, inkluza l-'*Military Mtarfa*' u dan intqal bħala sinjal ta' approvazzjoni.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 Is-Sur Paul Gatt ġie mistoqsi sabiex jispjega lill-Kunsill it-talbiet tiegħu. Il-laqgħa ġiet sospiża temporarjament u hu tkellem dwar l-ewwel kont li kien ippreżenta għal €400. Spjega li dawn l-ispejjeż kienu għal servizz ta' *handover* meta hu irtira mill-kariga ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv. Dan jinkludi servizz ta' konsulenza fuq diversi materji, ħa sehem f'delegazzjonijiet u qatta madwar 75 siegħa f'xogħol li hu għamel għal Kunsill tal-Mtarfa. Huwa qal li kien attenda diversi laqgħat fosthom laqgħa waħda tal-Kunsill, u ħa ħsieb laqgħat oħra dwar id-delegazzjoni tal-Ġemellaġġ li kienet inġabet Malta, u dan kollu fost xogħolijiet oħra.

3.2 Dwar it-tieni talba tas-Sur Paul Gatt għall-ammont ta' €850, spjega li din kienet tirrappreżenta ix-xogħol u l-ħin li hu kien ta sabiex tiġi imtella l-attivita tal-'*Military Mtarfa*'li hu tagħha kien kordinatur. Huwa semma x-xogħol ta' riċerka u ppjanar, laqgħat, ittri, *emails* u *press releases* li kien għamel sabiex tirnexxi din l-okkażjoni. Huwa kien għamel diversi telefonati mit-*telephone* privat tiegħu, uża l-karozza personali tiegħu u pprepara kitba biex tiġi ppublikata fil-'*Chronicles of Ġebel Mtarfa*'. Ma dan kien għamel xogħol ta' ko-ordinament sabiex jaqqad dak kollu li kien hemm bżonn biex din l-attivita tirnexxi. Huwa qal li kien ħassu sodisfatt bis-suċċess għax ir-riżultat wera li din irnexxiet. Għalhekk huwa jħoss illi ta' dan ix-xogħol intis li hu għamel, kellu jitħallas skond it-talbiet tiegħu. Huwa talab lill-Kunsill biex jikkunsidra dawn il-fatti u isir il-ħlas dovut lejh.

Is-Sindku qal li s-Sur Paul Gatt kien ġie appuntat ko-ordinatur għall-attivita '*Military Mtarfa'*, iżda ma kienx membru tas-sotto kumitat li ħa ħsieb din l-attivita. Kien hemm qbil dwar dan, peress li ħadd m'oġġezzjona meta s-Sur Gatt kien qiegħed jikkordina din l-attivita u meta s-Sindku għamel din il-proposta. Dan qiegħed jerġa jiġi ikkonfermat f'din il-laqgħa u m'hemm l-ebda oġġezzjoni.

Tkompla d-dibattitu dwar xogħol li sar minn ħaddiema oħra li ħadu sehem f'din l-attivita. Kien hemm persuni li ġew mgħotija partijiet oħra fl-attivita ta' '*Military Mtarfa'*u għandu jiġi evalwat kif se jitħallsu l-kontijiet għal dawn ix-xogħolijiet. Dan ifisser li qabel ma jsiru xi pagamenti għandha ssir verifika dwarhom.

Is-Sur Paul Gatt irtira mill-kamra.

Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.

Il-Kunsilliera Bernard Borg u Helen Bugeja qalu li l-kont tas-Sur Paul Gatt li jammonta għal €850, qabel jitħallas l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob il-parir jew iġib *ruling* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jekk dan għandux jitħallas jew le. Hawnhekk is-Sindku talab biex il-kwistjoni tiġi deċiża b'vot.

Meta ittieħed vot ir-riżultat kien kif ġej:

| | |
|---|---|
| Favur: | Is-Sindku Anton Mifsud<br>Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech<br>Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono |
| Kontra: | Il-Kunsilliera Helen Bugeja<br>Il-Kunsillier Bernard Borg |

Il-kont tas-Sur Paul Gatt għall-ammont ta' €850 ġie approvat għal pagament.

3.3 Dwar il-kont ta' *patching* mill-kumpanija Ell's Urban Services Ltd li jammonta għall-ammont ta' €12,459, il-Kunsill għadu tal-fehema li dan m'għandux jitħallas qabel ma jiġi diskuss mal-kuntrattur. Għalhekk għanda tinkiteb ittra lill-kuntrattur sabiex jiġi l-uffiċċju tal-Kunsill u jiċċara d-dettalji fuq il-kont għas-sodisfazzjon tal-Kunsill qabel ma jsir il-ħlas.

## 4. CLUB HOUSE

4.1 Il-Kunsillier Bernard Borg qal li din il-propjeta (*Club House*) kienet ġiet mikrija lill-Kunsill mid-Dipartiment tad-Djar. Fil-Kuntratt li ser jiġi iffirmat, il-Kunsill ser iħallas nofs il-kera għall-Mtarfa F.C. u n-Nursery.

4.2 Is-Sindku wieġeb, fil-kuntratt preżenti, li ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill tal-Mtarfa u l-Mtarfa F.C. u n-Nursery, kien hemm qbil li l-*Club House* tiġi mikrija u titmexxa minnhom għal benefiċċju tar-residenti u uliedhom. Skond il-kuntratt mal-Mtarfa F.C. huma għandhom iħallsu l-kera nofs bin-nofs mal-Kunsill għall-ewwel ħames snin. Jekk matul dan iż-żmien ikun sar xi qliegħ, l-Mtarfa F.C. ikunu obligati iħallsu l-kera kollu huma stess għall-ħames snin ta' wara.

4.2 Il-Kunsillier Bernard Borg irrimarka li fil-kuntratt m'hemm l-ebda klawsola dwar il-fatt li ser ikun hemm *bar* fil-*Club House*. L-avukat tal-Kunsill Dr. Mifsud, li kien preżenti għall-laqgħa, wieġeb illi dan ma jeskludix il-fatt li *bar* ma jistgħax isir.

Il-kelliema Bernard Borg u Helen Bugeja tkellmu dwar konflitt ta' interess peress li s-Sindku kien il-Viċi President tal-Mtarfa F.C. L-avukat spjega li l-qliegħ li seta jkun hemm fil-futur mill-*Club House*, dan ma kienx personalment għas-Sindku. Is-Sindku spjega li kellu *ruling* dwar l-allegat interess pekunarju mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u ippreżenta ittra fuq il-mejda fejn tikkonferma li ma kien hemm ebda interess pekunarju. Din l-ittra tikkonferma l-ispjegazzjoni li kien ta l-avukat waqt laqgħa preċedenti tal-Kunsill, iġifieri s-Sindku mhux ser ikollu qliegħ mill-*Club House* b'ebda mod kemm dirett jew indirett.

Il-Kunsillier Bernard Borg għamel referenza għar-riforma riċenti tal-Kunsilli Lokali fejn qal illi s-Segretarju Parlamentari Chris Said qal li jista jsir referendum fil-Kunsill f'każijiet bħal dawn qabel ma tingħata propjeta pubblika lill-privat.

Is-Sindku kompla jgħid li l-ispejjeż biex jitranġa l-*Club House* ser jitħallsu mill-Mtarfa F.C. u n-Nursery.

Is-Sindku għadda biex isejjaħ vot għall-iffirmar tal-kuntratt. Huwa qal illi għalkemm diġa iddikjara li m'għandu l-ebda interess pekunarju kif ikkonfermat, kien xorta waħda sejjer jastjeni u ma jieħux parti fil-votazzjoni f'dan il-każ, u dan sabiex jitneħħa kull dubju li seta' ikun hemm. Għalhekk huwa sejjaħ lill-Viċi Sindku biex jippresedi l-laqgħa.
L-A/Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill talab lill-Viċi Sindku biex jgħaddi għal-votazzjoni. Meta il-Viċi Sindku talab għal voti ir-riżultat kien kif ġej:

Favur: Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech
Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono

Kontra: Il-Kunsiilera Helen Bugeja
Il-Kunsillier Bernard Borg

Il-Viċi Sindku staqsa x'inhi l-pożizzjoni u l-A/Segretarju Eżekuttiv wieġeb lil Viċi Sindku li meta hu qiegħed jaġixxi minflok is-Sindku u jeżerċita d-dmirijiet bħala Sindku seta' jagħmel użu mill-*casting vote*, kif filfatt għamel biex dan il-kuntratt seta' jgħaddi għall-iffirmar.

4.3 L-avukat tal-Kunsill ikkonferma il-punt legali dwar il-*casting vote*. L-A/Segretarju qed jikkwota l-parti tal-liġi dwar il-funzjonijiet fl-assenza tas-Sindku.
(Ref: Skeda numru 6 Ordnijiet permanenti par. Numru 3 Sub Section (III))

4.4 Il-Kunsillier Bernard Borg qal li dan il-kuntratt għandu japprovah Kunsill ġdid peress li kien ser jiġi iffirmat wisq viċin l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

4.5 Sar l-iffirmar formali tal-kuntratt quddiem il-partijiet kollha kkonċernati u dan il-kuntratt kellu ukoll jiġi iffirmat minn rappreżentant tal-Awtorita' tad-Djar li filfatt ma kienx preżenti dak il-ħin.

4.6 Wara l-iffirmar ir-rapprezentanti tal-Mtarfa F.C., u n-Nursery ippreżentaw *cheque* numru 026 bil-quddiem li jammonta għal €699.00 bħala kera *tal-Club House* għall-ewwel sitt xhur.

## 5. AĠĠORNAMENTI

5.1 Is-Sindku qal li kien hemm problema dwar min kien ser iħallas il-kontijiet tad-dawl ta' Binja Qlejgħa Huwa irrefera għal dawk id-dwalijiet li huma mad-dawra tal-binja. Din il-kwistjoni għanda tgħaddi f'idejn l-avukat peress li l-Awtorita' tad-Djar mhux lesta tħallas, u l-Enemalta se taqta' id-dawl. L-avukat tal-Kunsill għandu jikteb lill-Enemalta biex id-dawl ma jinqatax.

5.2 Dwar Binja Qlejgħa hemm il-problema tal-garaxxijiet, u s-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob stima mingħand żewġ periti sabiex il-Kunsill jagħmel *patching* sabiex l-ilma ma jibqax jidħol fil-garaxxijiet u wara isir ir-*re-surfacing* minn naħa ta' fuq. Ir-residenti għandhom jiġu nfurmati b'dan. Huwa qal illi il-perit Mario Cassar kien ta kunsulenza bla ħlas għal dan ir-rimedju, iżda talab li ikun hemm stima aktar riċenti għal dawn l-ispejjeż.

5.3 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono oġġezzjona għal rimarka tal-Kunsillier Bernard Borg għax taw il-Club House lill-Mtarfa F.C.

5.4 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono semma li kien hemm bozzoz mitfijin fejn l-iskola, u biex isir dawl fi Triq Gregorio Carafa. Huwa kompla jgħid li ma kienx qed isir ġbir ta' skart u kien hemm bżonn żbir ta' tlett siġriet fi Triq San David.

5.5 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech qal li se jordna l-konkos għal bankini u jitwaħħlu żewġ bankijiet fi Triq San David.

5.6 Is-Sindku tkellem dwar nuqqas ta' qbil bejn ir-residenti u l-Enemalta peress li ilmentaw dwar arblu fi Triq l-Imtarfa.

5.7 Is-Sindku insista li l-Kunsillieri jippreżentaw il-kitba tagħhom għar-rivista tal-Kunsill kif filfatt għamlu fl-aħħar ta' din il-laqgħa u huwa previst li din tiġi ippubblikata fil-jiem li ġejjien.

## 6. GĦELUQ IL-LAQGĦA

6.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10.00 ta' filgħaxija.

Anthony Mifsud
Sindku

Hector Cassola
A/Segretarju Eżekuttiv

1 ta' Ġunju 2009